MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 818/2007

**Assoccjazzjoni GS1 Malta**

**vs**

**Elsatel Limited (C 30955)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ erba’ mija, erbgha u disghin Ewro, sitta u sebghin centezmi (€494.76), *ossia* (Lm212.40), rapprezentanti kontribuzzjonijiet dovuti lilha mis-socjeta’ konvenuta ghas-snin 2006 u 2007, *ai termini* ta` l-istatut ta` l-istess assoccjazzjoni.

Minkejja li s-socjeta’ konvenuta giet interpellata thallas diversi drabi inkluz bl-ittra bonarja datata 28 ta’ April, 2007, din baqghet inadempjenti.

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati ta` l-fatturi relattivi sad-data ta` l-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mil-ligi.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deheret, permezz ta' rapprezentant jew rapprezentatnti, ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-7 ta' Jannar, 2008, mill-Avukat Victor G. Axiak u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta` konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------